IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 223 final

2020/0105 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-effetti diretti u indiretti tal-pandemija tal-COVID-19 qed ikomplu jiżdiedu fl-Istati Membri kollha. Is-sitwazzjoni attwali hija bla preċedent u teħtieġ miżuri eċċezzjonali adattati għas-sitwazzjoni li għandhom jiġu applikati f'dawn iċ-ċirkostanzi, inkluż għall-appoġġ tal-persuni l-aktar fil-bżonn mogħti mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD). B'mod partikolari, il-kriżi ma tippreżentax biss riskji għall-persuni l-aktar fil-bżonn, iżda wkoll iżżid it-tbatija ekonomika. Huwa mistenni li l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà jintlaqtu l-agħar mill-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-kriżi. Barra minn hekk, minbarra l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, l-għadd ta' persuni l-aktar fil-bżonn qed jiżdied.

L-ewwel "Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus" (CRII)[1], pakkett ta' miżuri li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2020, introduċa għadd ta' bidliet importanti fil-qafas leġiżlattiv applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej li jippermettu reazzjoni aktar effettiva fis-sitwazzjoni attwali. Ġew adottati miżuri komplementari taħt l-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus" (CRII Plus)[2]. Dan il-pakkett kien jinkludi wkoll l-emendi tar-Regolament (UE) Nru 223/2014[3] (ir-Regolament dwar il-FAED), permezz tar-Regolament (UE) 2020/559 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020[4], li daħal fis-seħħ fil-25 ta' April 2020, li introduċa miżuri speċifiċi ta' flessibbiltà u likwidità addizzjonali għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 taħt il-FEAD.

Is-sitwazzjoni qed tevolvi bil-mod u ħafna reġjuni u Stati Membri qed jippreparaw għal illaxkar kawt tar-restrizzjonijiet fuq is-soċjetajiet u l-intrapriżi tagħhom, u biex jibdew mill-ġdid l-ekonomiji tagħhom. Madankollu, l-effetti diretti u indiretti tal-kriżi diġà qed jolqtu ħażin lil ħafna setturi. Il-proċess tal-irkupru se jieħu ż-żmien u l-ħtieġa għal aktar miżuri ta' konfinament ma tistax tiġi eskluża. F'dan il-kuntest, hemm riskju serju li l-għadd ta' persuni li jsofru minn privazzjoni mill-ikel u dik materjali se jiżdied, u għalhekk hija meħtieġa azzjoni ulterjuri bħala reazzjoni għall-konsegwenzi soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 sabiex jiġi żgurat irkupru soċjali ġust f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Filwaqt li l-Kummissjoni pproponiet miżuri straordinarji li taw l-akbar flessibbiltà u appoġġ possibbli lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-organizzazzjonijiet sħab u lill-atturi l-oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-FAED, l-Istati Membri qed jiffaċċjaw problemi ta' likwidità biex jirreaġixxu għall-kriżi tal-COVID-19 u l-ħtiġijiet li dejjem qed jikbru fil-prattika.

Għalhekk, sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jirreaġixxu b'mod effettiv għall-pandemija tal-COVID-19, inkluż il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħha, jixraq li jiġu adottati miżuri

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID- 19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.03.2020, p. 5)

[2] Ir-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.04.2020, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1-41).

[4] ĠU L 130, 24.04.2020, p. 7.

addizzjonali li jinkludu ż-żieda fir-riżorsi disponibbli taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Strutturali Ewropew (FSE), kif ukoll il-FAED. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed tipproponi emenda ġdida tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RPK) (REACT-EU) [5] u tar-Regolament dwar il-FAED b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, sabiex tipprevedi li r-riżorsi addizzjonali jkunu disponibbli għas-snin 2020, 2021 u 2022 għal dawn il-fondi.

Ir-riżorsi addizzjonali għall-2020 jirriżultaw minn żieda fir-riżorsi globali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020. Ir-riżorsi addizzjonali għall-2021 u l-2022 jikkostitwixxu dħul assenjat estern li jirriżulta mill-[Istrument Ewropew għall-Irkupru].

Dawn l-ammonti se jitqassmu bejn l-Istati Membri filwaqt li jitqiesu l-prosperità relattiva tagħhom u l-firxa tal-effetti tal-kriżi attwali fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom. 0,35 % tar-riżorsi addizzjonali jeħtieġ li jiġu allokati għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Permezz ta' deroga mir-regoli applikabbli għad-dħul assenjat estern stabbilit fir-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riżorsi addizzjonali għandhom isegwu r-regoli applikabbli stabbiliti fir-RDK u fir-Regolament dwar il-FAED ladarba jiġu assenjati lill-programmi operazzjonali, inkluż ir-regoli dwar l-impenji u d-diżimpenji.

L-Istati Membri jistgħu jużaw dawn l-ammonti taħt l-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi biex jappoġġaw l-operazzjonijiet li jrawmu t-tiswija tal-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 fir-reġjuni li l-ekonomija u l-impjiegi tagħhom l-aġħar li ntlaqtu u li qed jippreparaw l-irkupru tal-ekonomiji tagħhom mill-FEŻR jew l-FSE jew biex iżidu l-allokazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FAED.

L-allokazzjoni tar-riżorsi addizzjonali għall-FAED hija volontarja għall-Istati Membri, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Filwaqt li jqisu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni xierqa liż-żidiet fl-għadd tal-persuni l-aktar fil-bżonn minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Barra minn hekk, f'konformità mal-emendi proposti tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (REACT-EU)[6], il-Kummissjoni tipproponi li jiġu introdotti miżuri addizzjonali li jipprovdu aktar likwidità lill-Istati Membri, prinċipalment billi jippermettu li l-Istati Membri jirċievu pagament ta' prefinanzjament sostanzjali f'każ li r-riżorsi taħt il-FAED jiżdiedu u billi jeżentaw lill-Istati Membri milli jagħtu kontribuzzjoni nazzjonali għar-riżorsi miżjuda. Barra minn hekk, u b'mod simili għal dak propost għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (REACT-EU), minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn ir-riżorsi addizzjonali jiddaħħlu malajr fl-investimenti fil-prattika u jibdew jaħdmu fl-ekonomija reali, mhuwiex propost li tiġi estiża d-data finali tal-eliġibbiltà, li għandha tibqa' – anki għar-riżorsi addizzjonali – il-31 ta' Diċembru 2023 (għan-nefqa mġarrba fil-livell tal-benefiċjarji). Madankollu, huwa ċċarat li l-impenji marbuta mar-riżorsi addizzjonali għandhom jiġu diżimpenjati f'konformità mar-regoli li jeħtieġ jiġu segwiti għall-għeluq tal-programmi (jiġifieri, fl-2025 wara t-tressiq tad-dokumenti neċessarji skont l-Artikolu 52). Huwa previst ukoll s-sistema ta' skambju elettroniku użat għall-iskambji uffiċjali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 30(4) tiġi rranġata biex tipprovdi l-possibbiltà lill-Istati Membri sabiex iressqu t-talbiet għal emendi tal-programm operazzjonali għall-allokazzjoni tar-riżorsi addizzjonali għas-snin 2020, 2021 u 2022 mingħajr dewmien.

[5] COM(2020)451 final.
[6] COM(2020)451 final.

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha wkoll effett soċjoekonomiku sproporzjonat fuq in-nisa. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu b'mod xieraq li l-operazzjonijiet isegwu strettament il-prinċipju orizzontali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif stabbilit fl-Artikolu 5(11) tar-Regolament dwar il-FAED.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipproponi wkoll dispożizzjonijiet addizzjonali li jipprevedu l-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jużaw l-assistenza teknika.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika, b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (REACT-EU) b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19, bħala parti mill-proposta tal-Kummissjoni biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-FEŻR u l-FSE b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni, b'mod partikolari mal-proposti adottati mill-Kummissjoni għall-FEŻR u l-FSE b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 175(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Tipprevedi l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex iżidu r-riżorsi taħt il-FAED, biex jirċievu pagament ta' prefinanzjament u teżenta r-riżorsi addizzjonali mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Dan it-tibdil eċċezzjonali huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli li japplikaw taħt ċirkostanzi regolari.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-proposta ma tbiddilx il-mod ta' twassil tal-FAED, li jibqa' taħt ġestjoni kondiviża.

Il-ġestjoni kondiviża hija msejsa fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà, hekk kif il-Kummissjoni tiddelega l-ipprogrammar strateġiku u l-kompiti tal-implimentazzjoni lill-Istati Membri. Tillimita wkoll l-azzjoni tal-UE għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi kif stabbiliti fit-Trattati.

Din il-proposta, flimkien mal-proposta għall-emenda tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013[7], għandha l-għan li tippermetti biex ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali. Għandha l-għan ukoll li tikkjarifika r-regoli li jirregolaw l-użu ta' dawk ir-riżorsi fil-kuntest tal-programmi taħt il-perjodu ta' programmazzjoni għall-2014-2020.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata u ma tinkludix dispożizzjonijiet li mhumiex meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattat. Hija limitata għall-emendi meqjusa meħtieġa għall-istabbiliment tar-regoli li jeħtieġ jiġu segwiti b'rabta mal-miżuri addizzjonali u għall-indirizzar tal-problemi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri waqt il-kriżi tal-COVID-19 fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-FAED.

[7] COM (2020) 251 final.

- **Għażla tal-istrument**

L-għażla tal-istrument hija Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja kif stabbilit fl-Artikolu 175(3) tat-Trattat. Il-Kummissjoni esplorat il-kamp ta' applikazzjoni għall-manuvri previsti mill-qafas ġuridiku u tqisu meħtieġ biex tipproponi emendi tar-Regolament (UE) Nru 223/2014.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' din il-proposta, ma kienx hemm evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' din il-proposta, ma kienx hemm konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-użu tal-għarfien espert estern ma kienx neċessarju.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma hemmx inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar il-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta se twassal għal impenji addizzjonali fis-sena 2020, iffinanzjati minn żieda fil-limitu massimu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020. Se twassal ukoll għal impenji addizzjonali għas-snin 2021 u 2022, iffinanzjati minn dħul assenjat estern. Se tiskatta pagamenti addizzjonali mis-sena 2020 sas-sena 2025. L-implikazzjonijiet baġitarji huma koperti mid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkumpanja lir-Regolament REACT-EU.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-miżuri se tiġi monitorata u rapportata fil-qafas tal-mekkaniżmi ta' rapportar ġenerali stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 223/2014.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

N/A

2020/0105 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi tal-COVID-19

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ("FEAD").

(2) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie proklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, bħala reazzjoni għall-isfidi soċjali fl-Ewropea. L-għoxrin prinċipju ewlieni tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 sabiex jiġi żgurat irkupru soċjalment ġust.

(3) L-Istati Membri ġew affettwati mingħajr preċedent mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19. Il-kriżi wasslet għal konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji ħafna. Dan ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li jeħtieġ tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

(4) Dan għandu impatt partikolari fuq il-FAED. Meta jitqies li l-għadd ta' persuni li qed ibatu minn privazzjoni mill-ikel u dik materjali qed jiżdied minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u li l-persuni l-aktar fil-bżonn huma esposti għal riskji partikolari u tbatijiet ulterjuri waqt din il-kriżi, l-Istati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali fl-għoti tal-appoġġ mill-Fond.

---

8 ĠU C , , p. .

9 ĠU C , , p. .

10 Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.03.2014, p. 1).

(5) Sabiex jinstab rimedju għax-xokkijiet kbar fuq l-ekonomija u l-impatti serji fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku minħabba r-restrizzjonijiet eċċezzjonali li tqiegħdu fis-seħħ mill-Istati Membri biex tiġi kkontrollata l-imxija tal-COVID-19, fit-23 ta' April 2020, il-Kunsill Ewropew approva l-"Pjan direzzjonali għall-irkupru" b'komponent ta' investiment b'saħħtu, sejjaħ għall-istabbiliment tal-[Istrument Ewropew għall-Irkupru] u ta l-mandat lill-Kummissjoni biex tanalizza l-ħtiġijiet sabiex ir-riżorsi jiġu mmirati għas-setturi u l-partijiet ġeografiċi l-aktar milquta tal-Ewropa, filwaqt li kkjarifika wkoll ir-rabta mal-QFP.

(6) Fis-27 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Regolament[11] li jemenda lir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013[12] u fetħet riżorsi addizzjonali biex jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tiswija tal-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u fil-preparazzjoni għall-irkupru tal-ekonomija. Bħala parti minn dan il-pakkett, huwa disponibbli għal dan l-iskop ammont addizzjonali eċċezzjonali ta' EUR 58 272 800 000 għall-impenn baġitarju mill-Fondi Strutturali taħt l-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi għas-snin 2020, 2021 u 2022, bil-ħsieb li jinħareġ malajr għall-ekonomija reali permezz tal-istrutturi eżistenti għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-qsim tar-riżorsi addizzjonali għal kull Stat Membru fuq il-bażi ta' metodu ta' allokazzjoni bbażat fuq l-aħħar *data* statistika objettiva disponibbli fir-rigward tal-prosperità relattiva tal-Istati Membri u l-firxa tal-effetti tal-kriżi attwali fuq l-ekonomiji tagħhom. Sabiex tiġi riflessa n-natura li dejjem tevolvi tal-effetti tal-kriżi, il-qsim jenħtieġ li jiġi rivedut fl-2021 abbażi tal-istess metodu ta' allokazzjoni bl-użu tal-aħħar *data* statistika disponibbli sad-19 ta' Ottubru 2021. Sabiex tipprevedi r-reazzjoni effettiva għall-impatt soċjali tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq il-persuni l-aktar fil-bżonn, jixraq li r-riżorsi addizzjonali jkunu jistgħu jiġu allokati mill-Istati Membri tal-FAED, skont il-ħtiġijiet tagħhom. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni xierqa liż-żidiet fl-għadd tal-persuni l-aktar fil-bżonn mill-pandemija tal-COVID-19 'l hawn. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti limiti massimi li jikkonċernaw l-allokazzjoni tar-riżorsi miżjuda għall-assistenza teknika tal-Istat Membru. Filwaqt li jitqies l-infiq malajr mistenni tar-riżorsi addizzjonali, l-impenji marbuta ma' dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jiġu diżimpenjati wkoll mal-għeluq tal-programmi. Il-possibbiltajiet għat-trasferimenti finanzjarji taħt l-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi bejn il-FEŻR, l-ESF u l-FAED huma introdotti wkoll għar-riżorsi addizzjonali.

(7) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, għoti ta' kuntratti pubbliċi, premjijiet, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċerna wkoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett tal-istat tad-dritt hija prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u effettiva tal-finanzjament tal-UE.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jimplimentaw malajr azzjonijiet għat-tiswija tal-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-

[11] COM(2020) 446.

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

COVID-19 u jippreparaw l-irkupru tal-ekonomija, huwa meħtieġ li jingħata livell ogħla ta' pagament ta' prefinanzjament għall-implimentazzjoni ta' malajr tal-azzjonijiet appoġġati mir-riżorsi addizzjonali. Il-kobor tal-prefinanzjament jenħtieġ li jiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-mezzi biex jorganizzaw pagamenti avvanzati għall-benefiċjarji meta neċessarju u biex jirrimborżaw malajr lill-benefiċjarji wara t-tressiq tat-talbiet għall-pagamenti.

(9) Bl-għan li jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi rigward it-tiswija tal-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-preparazzjoni għall-irkupru tal-ekonomija, jixraq li r-riżorsi addizzjonali ma jkunux soġġetti għall-kofinanzjament.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħġustaw malajr il-miżuri taħt il-FAED b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, jixraq li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkjarifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza teknika.

(11) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, prinċipalment li jindirizza l-impatt tal-kriżi tas-saħħa pubblika fuq il-persuni l-aktar fil-bżonn, ma jistax jintlaħaq biżżejjed minn Stat Membru waħdu, u għalhekk, bir-raġunament fuq l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħaq dan l-objettiv.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 223/2014 jiġi emendat skont dan.

(13) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(14) Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u l-urġenza li tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa pubblika assoċjata, jitqies neċessarju li jintuża l-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

(15) l-Artikolu 135(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jipprevedi l-emendi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[13] jew tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom, li huma adottati dakinhar jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-Ftehim, ma għandhomx japplikaw għar-Renju Unit sakemm dawk l-emendi ma jkollhomx impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit. Għall-2020, l-appoġġ taħt l-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) Nru 223/2014, huwa ffinanzjat minn limitu massimu miżjud tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u, għall-2021 u l-2022, minn żieda fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, li jkollu effett fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għar-Renju Unit u fir-Renju Unit,

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-allokazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2014–2020 għal kull Stat Membru huwa stabbilit fl-Anness III għajr ir-riżorsi miżjuda bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19 imsemmija fl-Artikolu 6a. L-ammont minimu għal kull Stat Membru huwa EUR 3 500 000 għall-perjodu sħiħ."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 6a ġdid li ġej:

"*Artikolu 6a*
Żieda volontarja tar-riżorsi b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19

1. Ir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 6 jistgħu jiżdiedu mill-Istati Membri fuq bażi volontarja b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, f'konformità mas-seba' subparagrafu tal-punt 5 tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Iż-żieda tista' taffettwa l-impenji baġitarji għall-2020, l-2021 u l-2022.
2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 7(1), il-perjodu għall-programmi operazzjonali li jibbenefikaw mir-riżorsi addizzjonali f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jkun sal-31 ta' Diċembru 2022.
3. Permezz tad-deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 38, l-impenji tal-baġit għar-riżorsi addizzjonali fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru fis-snin 2020, 2021 u 2022.
Permezz tad-deroga mill-Artikolu 59(1), l-impenji addizzjonali għandhom jiġi diżimpenjati f'konformità mar-regoli li jeħtieġ jiġu segwiti għall-għeluq tal-programmi.
4. Minbarra l-prefinanzjament imsemmi fl-Artikolu 44(1), il-Kummissjoni għandha tħallas ammont ta' prefinanzjament ta' 50 % tar-riżorsi addizzjonali allokati għas-sena 2020 wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda ta' programm għall-allokazzjoni tar-riżorsi addizzjonali.

L-ammont imħallas bħala prefinanzjament kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jitneħħa għalkollox mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm.
5. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 20, ir-riżorsi addizzjonali taħt il-paragrafu 1 mhumiex soġġetti għall-kofinanzjament."

(3) L-Artikolu 27(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq l-inizjattiva tal-Istati Membru, u soġġett għal limitu massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni tal-Fond fil-waqt tal-adozzjoni tal-programm operazzjonali u 5 % fuq ir-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 6a(1), il-programm operazzjonali jista' jiffinanzja l-miżuri tal-preparazzjoni, tal-ġestjoni, tal-monitoraġġ, tal-amministrazzjoni u l-assistenza teknika, tal-awditjar, tal-informazzjoni, tal-kontroll u tal-evalwazzjoni neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Fond, inkluż, l-ispejjeż tal-preparazzjoni u dawk operatorji tal-iskemi tal-vawċers f'każ li dawn il-kostijiet jiġġarrbu mill-awtorità tal-ġestjoni jew korp pubbliku ieħor, li mhuwiex organizzazzjoni sieħba. Jista' jiffinanzja wkoll l-assistenza teknika u l-bini tal-

kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet sħab u kwalunkwe attur ieħor involut fl-implimentazzjoni tal-Fond, inkluż għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tar-reazzjoni għall-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19. L-azzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu jistgħu jikkonċernaw il-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti, inkluż biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ minn dan il-Fond permezz ta' Fondi oħra."

(4) Jiddaħħal l-Artikolu 63 a ġdid li ġej:

"*Artikolu 63 a*

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-Artikolu 6a ma għandux japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit. Ir-referenzi għall-Istati Membri f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinftiehmu li ma jinkludux lir-Renju Unit."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*